**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri )**

**vs**

**Omissis**
**Omissis**

**Illum 19 t' Awwissu 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Omissis** detentur tal-passaport bin-numru FJ357835 u **Omissis** detentrici tal-passaport bin-numru FH529793 billi huma akkuzati talli:

1. Fis-16 ta' Awwissu 2018 ghall habta ta' nofs il-lejl u hames minuti (00:05) offendew il-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Nakkuzhom ukoll talli fl-istess data, lok, u cirkustanzi waqt li kienu f' lok pubbliku jew f' post espost ghall-pubbliku kienu fis-sakra b' tali mod li ma' kienux kapaci jiehdu hsieb lilhom nfushom bi ksur tal-Artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imuputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-posizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u Difiza dwar is-sentenza li ghandha tinghata f'dan il-kaz,

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstabu hatja l-imputati u minn naha l-ohra l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l- fedina penali netta taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 209 u 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l- imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sena.

Finalment tordna li isem u kunjom l-imputati m'ghandhomx jigu pubblikati f' xi mezz tax-xandir jew tal- istampa u lanqas fuq l-internet.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**